# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 108/16 CSH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Joseph Bradley Micallef**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank of Valletta p.l.c. fis-17 ta' Mejju 2016 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut Joseph Bradley Micallef, ihallsu s-somma ta' sebat elef, sitt mija u tnejn u disghin Ewro u u disgha w disghin centezmu (€7,692.99) bilanc ghad-debitu fil-Credit Loan u Consumer Loan Accounts tieghu mal-istess bank (Dok. A u B1 sa B2) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament, liema Loans gew moghtija lilu permezz ta' zewg skritturi privati datati 23 ta' Lulju 2009 (Dok. C) u 30 ta' Jannar 2012 (Dok. D).

U dan wara li gie dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi private hawn fuq indikati (Dok. C u D) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Bradley Micallef -

(a) Naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, u
(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew
(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 2015 (Dok. E) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Joseph Bradley Micallef kif prezentata seduta stante nhar it-28 ta' Gunju 2016.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-bank attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija w tnejn u disghin Ewro u u disgha w disghin centezmu (€7,692.99) kif mitlub fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Jannar 2015 (Dok. E) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**L-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mis-26 ta' Novembru 2015 kif mitluba fir-rikors promotur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**